# L-Inizjattiva tal-Katina tal-Provvista

Regoli ta' governanza u operazzjonijiet

**Adottati fit-2 ta' Frar 2018 mill-Grupp ta' Governanza**

**……………………..**

# Werrej

*Kapitolu 1 - Preambolu* ... 3

*Kapitolu 2 - Skop u Kamp ta' applikazzjoni* ... 4

2.1 Ħarsa ġenerali ... 4

2.2 Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ... 4

2.3 Kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ... 4

*Kapitolu 3 - Il-Korpi tal-SCI* ... 5

3.1 L-Organizzazzjonijiet Firmatarji ... 5

3.2 Il-President ... 5

3.3 Il-Grupp ta' Governanza ... 6

*3.3.1 Kompożizzjoni* ... 6

*3.3.2 Rwol, responsabbiltajiet u prinċipji operattivi* ... 7

*3.3.3 Laqgħat tal-Grupp ta' Governanza* ... 7

3.4 Is-Segretarjat ... 9

3.5 Pjattaformi Nazzjonali ... 9

*Kapitolu 4 - Qafas Operattiv* ... 10

4.1 Reġistrazzjoni u implimentazzjoni tal-Prinċipji minn kumpaniji parteċipanti ... 10

4.2 Indirizzar tat-tilwim u s-sejbien ta' soluzzjonijiet għal ksur allegat tal-Prinċipji ... 11

*4.2.1 Tilwim individwali* ... 11

*4.2.2 Tilwim aggregat* ... 13

4.3 Indirizzar tat-tilwim u s-sejbien ta' soluzzjonijiet għal ksur allegat tal-impenji tal-proċess ... 14

4.4 Żvilupp ta' gwida u rakkomandazzjonijiet ta' interess ġenerali ... 15

4.5 Verifika tal-konformità, evalwazzjoni tas-suċċess u żvilupp tal-SCI ... 16

*4.5.1 L-Istħarriġ Annwali* ... 16

*4.5.2 Ir-Rapport Annwali* ... 16

4.6 Proċeduri iktar sempliċi għall-SMEs ... 17

4.7 Komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni ... 17

*Kapitolu 5 - Relazzjonijiet ma' regoli u regolamenti nazzjonali eżistenti, skemi volontarji oħrajn u implikazzjonijiet transkonfinali* ... 17

5.1 Relazzjonijiet ma' regoli u regolamenti nazzjonali ... 17

5.2 Relazzjonijiet ma' skemi volontarji oħrajn u rikonoxximent reċiproku ... 18

5.3 Aspetti transfruntiera ... 18

*Kapitolu 6 - Relazzjonijiet mal-Istituzzjonijiet tal-UE* ... 19

*Kapitolu 7 - Finanzjament u Baġit* ... 19

*Kapitolu 8 - Emendi għall- Prinċipji ta' Prattika Tajba u għar- Regoli tal-SCI dwar il-Governanza u l- Operazzjonijiet; għeluq tal-SCI* ... 20

*Kapitolu 9 - Linja Gwida dwar l-antitrust* ... 20

# Kapitolu 1 - Preambolu

1. L-Inizjattiva tal-Katina tal-Provvista (SCI) ġiet stabbilita fl-1 ta' April 2013 mill-assoċjazzjonijiet Ewropej li ġejjin li jirrappreżentaw l-industrija tal-ikel u x-xorb (FoodDrinkEurope), il-manifatturi ta' prodotti tad-ditta (AIM), is-settur tal-bejgħ bl-imnut (EuroCommerce, ERRT, Independent Retail Europe, Euro Coop), intrapriżi żgħar u medji (UEAPME), u kummerċjanti agrikoli (CELCAA).

2. L-SCI hija skema volontarja żviluppata fil-kuntest tal-Forum ta' Livell Għoli dwar it-Titjib tal-Funzjonament tal-Katina tal-Provvista tal-Ikel immexxi mill-Kummissjoni Ewropea. L-iskop tagħha huwa li tippromwovi prattika tajba fil-katina tal-provvista tal-ikel bħala bażi għal negozju kummerċjali ġust. Hija bbażata fuq Prinċipji ta' Prattika Tajba miftiehma b'mod komuni, li l-kumpaniji jimpenjaw ruħhom li jintegrawha fl-operazzjonijiet tagħhom ta' kuljum; sett ta' impenji ta' proċess sabiex jappoġġaw l-applikazzjoni tagħhom, opzjonijiet ta' soluzzjoni ta' tilwim, u l-promozzjoni tad-djalogu tal-partijiet ikkonċernati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

3. L-SCI tissupplimenta r-regoli u r-regolamenti tal-UE u nazzjonali u skemi volontarji oħrajn. Din ġiet żviluppata fuq il-bażi ta' erba' kriterji mwaqqfa mill-Kummissarju Barnier fl-2013 sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu volontarju: effiċjenza, kosteffettività, kontroll effettiv u trasparenza. Il-prestazzjoni tagħha hija vvalutata skont dawn il-kriterji.

4. Dawn ir-Regoli ta' Governanza u Operazzjonijiet jipprovdu qafas għall-immaniġġjar tal-SCI.

# Kapitolu 2 - Skop u Kamp ta' applikazzjoni

## 2.1 Ħarsa ġenerali

5. L-Inizjattiva tal-Katina tal-Provvista (SCI) għandha l-għan li tippromwovi prattika tajba B2B fil-katina tal-provvista tal-ikel, billi tipprovdi mekkaniżmu għall-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Prinċipji ta' Prattika Tajba f'Relazzjonijiet Vertikali fil-Katina tal-Provvista tal-Ikel, imsejħa "il-Prinċipji ta' Prattika Tajba"[1].

6. L-SCI hija bbażata fuq sistema ta' reġistrazzjoni fejn l-operaturi ekonomiċi, inklużi l-SMEs[2], jintrabtu minn jeddhom li jimplimentaw il-Prinċipji ta' Prattika Tajba bħala bażi għan-negozju kummerċjali tagħhom u jaċċettaw opzjonijiet differenti għas-soluzzjoni ta' tilwim. L-għan tagħha hu li trawwem djalogu bejn is-setturi kkonċernati.

## 2.2 Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku

7. Dan il-qafas ikopri l-Istati Membri kollha tal-UE. [Il-kumpaniji li joperaw f'pajjiżi assoċjati mal-UE jistgħu jissieħbu volontarjament].

8. Kumpaniji rreġistrati huma mistennija li jimplimentaw il-Prinċipji fl-organizzazzjonijiet kollha tagħhom indipendentement mill-oriġini ġeografika tal-kontroparti tagħhom fin-negozju, bil-kundizzjoni li l-obbligi li joħorġu mill-kuntratt jiġu mwettqa fl-UE.

9. Intrapriżi żgħar u medji (SMEs) bbażati barra mill-UE jistgħu jagħmlu użu mill-opzjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim koperti mill-SCI fir-relazzjonijiet tagħhom ma' kontropartijiet li jkunu rreġistraw, sakemm l-obbligi skont il-kuntratt jiġu mwettqa fl-UE.

## 2.3 Kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

10. Dawn ir-regoli japplikaw għal prodotti tal-ikel (friski u pproċessati) u tax-xorb. Madankollu, il-kumpaniji li jagħmlu parti mill-katina tal-ikel u tax-xorb huma mħeġġin japplikaw il-prinċipji fl-organizzazzjonijiet tagħhom indipendentement min-natura tal-prodott, jekk ikunu jeżistu kundizzjonijiet simili (eż. kompożizzjoni simili tal-katina, gruppi ta' prodotti simili jew politiki simili ta' akkwist).

[1] Prinċipji ta' Prattika Tajba f'Relazzjonijiet Vertikali fil-Katina tal-Provvista tal-Ikel adottati fid-29 ta' Novembru 2011 u kif jistgħu jiġu emendati sussegwentement

[2] Definizzjoni tal-UE ta' SME: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2003:124:0036:0041:EN:PDF

11. Dawn ir-regoli ma japplikawx għall-forniment ta' servizzi li jikkontribwixxu għall-katina tal-ikel li jkunu biss strumentali għaliha (eż. il-loġistika, l-imballaġġ).

# Kapitolu 3 - Il-Korpi tal-SCI

## 3.1 L-Organizzazzjonijiet Firmatarji

12. L-Organizzazzjonijiet Firmatarji huma l-organizzazzjonijiet Ewropej li ffirmaw l-SCI: AIM, CELCAA, ERRT, EuroCommerce, Euro Coop, FoodDrinkEurope, Independent Retail Europe u UEAPME. Din il-lista tista' tiġi emendata kif xieraq.

13. Organizzazzjoni Firmatarja tista' tirriżenja fi kwalunkwe ħin, b'perjodu ta' avviż ta' 12-il xahar bil-quddiem, filwaqt li tirrispetta l-obbligi tagħha għas-sena finanzjarja li fiha jintemm il-perjodu ta' avviż.

14. L-Organizzazzjonijiet Firmatarji jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-SCI kif imsemmi fil-Kapitolu 9.

15. L-Organizzazzjonijiet Firmatarji jaħtru membri tal-Grupp ta' Governanza msemmi f'§ 3.2.1.

16. L-Organizzazzjonijiet Firmatarji għandhom japprovaw kwalunkwe reviżjoni tal-Prinċipji ta' Prattika Tajba u tar-Regoli ta' Governanza u Operazzjonijiet tal-SCI kif imsemmi fil-Kapitolu 8.

## 3.2 Il-President

17. Il-Grupp ta' Governanza jaħtar President Indipendenti (iktar 'il quddiem imsejjaħ "il-President").

18. Il-President:

- **jippresjedi laqgħat tal-Grupp ta' Governanza** u jiżgura li jiġu rrispettati r-regoli u l-proċeduri; jiżgura djalogu kontinwu mal-Grupp ta' Governanza u jirrapportalu dwar l-attivitajiet tiegħu;
- **jirċievi ilmenti aggregati kunfidenzjali u jittrattahom skont il-proċedura stabbilita f'§ 4.2.2. (§ 61-66);**
- **bil-kunsens tal-grupp ta' governanza, joħroġ gwida u rakkomandazzjonijiet ta' interess ġenerali li jippromwovu prattika tajba.** F'każijiet eċċezzjonali, wara li jkun ikkunsidra l-opinjonijiet kollha kif xieraq, il-President jista' jipproċedi bil-ħruġ ta' gwida jew rakkomandazzjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Matul dan il-proċess, il-President jaħdem mal-membri tal-Grupp ta'

Governanza u, kif meħtieġ, jista' jsejjaħ esperti rakkomandati minn pjattaformi nazzjonali;

- **jirrappreżenta u jippromwovi l-SCI ma' udjenzi esterni.**

19. Fil-kapaċità tiegħu, il-President huwa indipendenti minn kwalunkwe interess speċifiku tas-settur, nazzjonali jew tal-kumpaniji. Il-President huwa marbut bil-prinċipji ta' responsabbiltà kollettiva, rispett tal-kunfidenzjalità, u konformità mal-liġijiet applikabbli li japplikaw għall-membri tal-Grupp ta' Governanza kif imsemmi f'§ 3.2.2. Il-President ser jiffirma ftehim ta' nuqqas ta' divulgazzjoni.
20. Il-President jista' jiddelega rappreżentazzjoni tal-SCI lil kwalunkwe membru tal-Grupp ta' Governanza, kif xieraq, eż. bil-għan li jattendi konferenza jew laqgħa mal-partijiet ikkonċernati.

21. Il-mandat tal-President għandu jkun ta' sentejn, li jista' jiġġedded darbtejn.

22. L-uffiċċju tal-President huwa remunerat.

## 3.3 Il-Grupp ta' Governanza

### *3.3.1 Kompożizzjoni*

23. Il-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Governanza tirrifletti l-interessi differenti fil-katina tal-provvista tal-ikel. In-numru ta' rappreżentanti għal kull grupp ta' interess jirrifletti d-diversità tiegħu. In-numru massimu ta' rappreżentanti għal kull grupp ta' interess huwa:
    - bdiewa u kooperattivi agrikoli: 5[3]
    - manifatturi fl-industrija tal-ikel u x-xorb u tad-ditti: 5
    - bejgħ bl-imnut: 5
    - kummerċjanti agrikoli: 1
    - grupp trażversali li jirrappreżenta lill-SMEs: 1

24. L-Organizzazzjonijiet Firmatarji jaħtru Membri tal-Grupp ta' Governanza li għandu jkollhom l-awtorità li jitkellmu f'isem is-settur tagħhom; rappreżentanti tal-kumpaniji mhumiex permessi.

25. Osservatur huwa persuna awtorizzata fuq bażi ta' każ b'każ mill-Grupp ta' Governanza sabiex jattendi laqgħa mingħajr setgħa li jieħu deċiżjonijiet.

---

[3] Dawn il-postijiet ikunu riżervati għall-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-bdiewa u l-kooperattivi agrikoli jekk u meta jingħaqdu fil-qafas.

### 3.3.2 Rwol, responsabbiltajiet u prinċipji operattivi

26. Il-Grupp ta' Governanza jopera fuq il-prinċipji ta' responsabbiltà kollettiva, rispett tal-kunfidenzjalità, u konformità mal-liġijiet applikabbli. Dawn il-prinċipji japplikaw ukoll għall-Osservaturi, kif xieraq. Il-Membri tal-Grupp ta' Governanza għandu jkollhom l-isfond rilevanti sabiex jikkonformaw ma' dawn ir-regoli, inkluża konformità mal-antitrust. Huma għandhom jiffirmaw ftehim ta' nuqqas ta' divulgazzjoni.

27. Il-Membri tal-Grupp ta' Governanza għandhom jeżerċitaw il-mandat tagħhom bona fide. Ir-rwol primarju tagħhom mhuwiex li jiddefendu interessi partikolari iżda li jgħinu sabiex l-SCI tiffunzjona b'mod effettiv. Il-Membri u l-Osservaturi tal-Grupp ta' Governanza għandhom jikkomunikaw esternament b'mod li jappoġġja l-Prinċipji u l-SCI.

28. Ir-responsabbiltajiet kollettivi tal-Membri tal-Grupp ta' Governanza jinkludu:
    - l-iżgurar ta' konformità mar-Regoli ta' Governanza u Operazzjonijiet tal-SCI u l-iżgurar li jitwettqu l-obbligi stabbiliti minn din tal-aħħar;
    - l-iżgurar li jiġu osservati l-ogħla standards ta' governanza l-ħin kollu;
    - l-iżgurar ta' djalogu regolari mal-President dwar l-attivitajiet tiegħu, notevolment fir-rigward tar-rappreżentanza esterna tiegħu u r-rappurtar tal-attivitajiet tiegħu;
    - is-superviżjoni tal-ġestjoni tal-SCI, inkluż ir-reġistru ta' kumpaniji rreġistrati, l-istħarriġ annwali, ir-rapport annwali, il-finanzjament, komunikazzjoni u promozzjoni, ir-relazzjonijiet ma' pjattaformi nazzjonali u r-rikonoxximent reċiproku ta' skemi nazzjonali;
    - il-ħatra u t-tmiem tal-mandat tal-President b'mod unanimu; b'mod partikolari, il-Grupp ta' Governanza għandu jidentifika kandidati xierqa għall-pożizzjoni tal-President;
    - il-ħidma mal-President fl-iżvilupp ta' gwida u rakkomandazzjonijiet ta' interess ġenerali li jippromwovu prattika tajba;
    - il-valutazzjoni u l-formulazzjoni ta' proposti lill-Organizzazzjonijiet Firmatarji għar-reviżjoni tal-Prinċipji ta' Prattika Tajba u r-Regoli ta' Governanza u Operazzjonijiet;
    - Il-formulazzjoni ta' proposti lill-Organizzazzjonijiet Firmatarji sabiex tingħalaq l-SCI.

### 3.3.3 Laqgħat tal-Grupp ta' Governanza

29. Il-**laqgħat** tal-Grupp ta' Governanza ser isiru mill-inqas erba' darbiet fis-sena fi Brussell. Laqgħa tal-Grupp ta' Governanza tista' tissejjaħ mill-President jew fuq talba bil-miktub minn mill-inqas

żewġ Membri tal-Grupp ta' Governanza.

30. **Avviż** ta' laqgħa tal-Grupp ta' Governanza ser jingħata mis-Segretarjat bil-miktub (email) mill-inqas erba' ġimgħat bil-quddiem. Jekk ma jinkisibx l-avviż, dan ma jinvalidax dik il-laqgħa jew id-deċiżjonijiet li jittieħdu fiha.

31. Il-Membri tal-Grupp ta' Governanza jistgħu jkunu **akkumpanjati** minn membru tal-persunal ieħor tal-Organizzazzjoni Firmatarja tagħhom b'avviż minn qabel. Dan il-membru tal-persunal għandu jkollu l-istatus ta' Osservatur. Il-Grupp ta' Governanza jista' jiddeċiedi li jistieden Osservaturi jew partijiet oħrajn sabiex jipparteċipaw, kif xieraq.

32. L-**aġenda u d-dokumenti** għal-laqgħat tal-Grupp ta' Governanza ser jiġu ċċirkolati ħamest ijiem tax-xogħol minn qabel mis-Segretarjat; f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-perjodu jista' jkun iqsar. In-nuqqas ta' kisba tal-karti ma jinvalidax dik il-laqgħa jew id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu fiha. Bil-permess tal-President, id-dokumenti jistgħu jitressqu eċċezzjonalment waqt laqgħa tal-Grupp ta' Governanza.

33. **Il-kworum** għal-laqgħat tal-Grupp ta' Governanza huwa 75 % tal-Membri tal-Grupp ta' Governanza, inkluż mill-inqas rappreżentant wieħed min-naħa tal-provvista u rappreżentant wieħed min-naħa tal-kummerċ distributtiv. Membri tal-Grupp ta' Governanza li jattendu permezz ta' konnessjoni mill-bogħod ser jitqiesu bħala preżenti fil-laqgħa tal-Grupp ta' Governanza.

34. Ma humiex permessi **sostituzzjonijiet** ta' Membri tal-Grupp ta' Governanza. B'mod eċċezzjonali, meta Grupp ta' Governanza ma jistax jipparteċipa minħabba kunflitt ta' interess, jista' jinħatar sostitut li għandu jikkonforma ma' dawn ir-Regoli.

35. L-attendenzi u l-assenzi kollha tal-Membri tal-Grupp ta' Governanza għal-laqgħa tal-Grupp ta' Governanza kollha jew parti minnha jiġu rreġistrati fil-minuti tal-laqgħa.

36. Membru ta' Grupp ta' Governanza jista' jagħti **prokura** lil Membru ta' Grupp ta' Governanza ieħor sabiex jirrappreżenta l-opinjonijiet tiegħu waqt laqgħa. Dawn il-prokuri ser jiġu kkomunikati lill-President u lis-Segretarjat mill-inqas ġurnata minn qabel u għandhom jiġu nnotati fil-minuti tal-laqgħa.

37. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'konsensus. Id-deċiżjonijiet kollha, inklużi l-astensjonijiet, jiġu rreġistrati. Fejn meħtieġ, il-Grupp ta' Governanza jista' japprova deċiżjonijiet bejn il-laqgħat permezz ta' proċedura bil-miktub.

38. Meta jifformula l-gwida jew l-interpretazzjoni tiegħu tal-Prinċipji u/jew eżempji marbutin, membru tal-Grupp ta' Governanza jista' jitlob eżami mill-ġdid minn konsulent legali estern. Avukat estern jista' jiġi mistieden jattendi laqgħa meta l-aġenda teħtieġ dan, iżda biss għall-punti rilevanti fiha.

39. Kwalunkwe Membru tal-Grupp ta' Governanza jew kwalunkwe parteċipant fil-laqgħa suġġett għal **Kunflitt ta' Interess** ser jinforma lill-President dwaru. Il-President ser jeskludi kwalunkwe persuna suġġetta għal Kunflitt ta' Interess mill-parti rilevanti tal-laqgħa. Jekk il-President ikun suġġett għal kunflitt ta' interess, għandu jinnotifika lill-Grupp ta' Governanza u għandu jkun skużat minn dak il-punt tal-aġenda.

40. Jekk xi Membru tal-Grupp ta' Governanza ma jaderixxix mar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Grupp ta' Governanza, il-President jista', skont kemm ikun serju l-ksur, joħroġ twissija lill-Membru tal-Grupp ta' Governanza jew jissuġġerixxi li tinħareġ ittra lill-Organizzazzjoni Firmatarja kkonċernata. Il-President jista' jirrakkomanda s-sostituzzjoni tal-Membru tal-Grupp ta' Governanza kkonċernat.

41. Is-Segretarjat ser iħejji l-abbozz tal-aġenda u l-abbozz tal-**minuti** tal-laqgħat tal-Grupp ta' Governanza. Dawn ser jintbagħtu lill-President għal qbil qabel jiġu ċċirkolati lill-Membri tal-Grupp ta' Governanza u ppreżentati għall-approvazzjoni fil-laqgħa ta' wara.

42. Il-Grupp ta' Governanza jista' **jiddelega** kompiti lil sottogruppi ad hoc (jew simili) meta dan jitqies meħtieġ. Is-sottogruppi jistgħu ma jirrikjedux il-parteċipazzjoni tal-President.

## 3.4 Is-Segretarjat

43. Is-Segretarjat tfisser il-persuna/persuni li tipprovdi/jipprovdu l-appoġġ amministrattiv lill-President u lill-Grupp ta' Governanza. Is-Segretarjat huwa marbut mill-istess regoli ta' responsabbiltà, kunfidenzjalità u konformità mal-liġijiet applikabbli bħal dawk li japplikaw għall-President u l-membri tal-Grupp ta' Governanza.

44. Is-Segretarjat ser jiffirma ftehim ta' nuqqas ta' divulgazzjoni.

## 3.5 Pjattaformi Nazzjonali

45. Pjattaforma Nazzjonali hija struttura stabbilita fuq livell nazzjonali bl-iskop li timplimenta l-Prinċipji u l-SCI fil-livell nazzjonali. Il-firmatarji jirrikonoxxu li t-tilwim ġeneralment jiġi ttrattat bl-aħjar mod fil-livell nazzjonali.

46. Il-Grupp ta’ Governanza jirrikonoxxi l-Pjattaformi Nazzjonali permezz ta’ proċess ta’ rikonoxximent reċiproku kif imsemmi fil-Kapitolu 5.

# Kapitolu 4 - Qafas Operattiv

47. L-operazzjoni tal-SCI hija bbażata fuq l-elementi li ġejjin:
- ir-reġistrazzjoni, l-implimentazzjoni tal-Prinċipji u l-konformità mal-impenji tal-proċess mill-kumpaniji parteċipanti;
- l-indirizzar tat-tilwim u s-sejbien ta’ soluzzjonijiet għal ksur allegat tal-Prinċipji;
- l-indirizzar tat-tilwim u s-sejbien ta’ soluzzjonijiet għal ksur allegat tal-impenji tal-proċess;
- l-iżvilupp ta’ gwida u rakkomandazzjonijiet ta’ interess ġenerali;
- il-verifika tal-konformità, l-ievalwazzjoni tas-suċċess u l-iżvilupp tal-SCI;
- proċeduri iktar sempliċi għall-SMEs;
- komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni.

## 4.1 Reġistrazzjoni u implimentazzjoni tal-Prinċipji minn kumpaniji parteċipanti

48. Il-kumpaniji jirreġistraw fuq is-sit web tal-SCI.

49. Qabel ma jirreġistraw, il-kumpaniji għandhom jwettqu **awtovalutazzjoni** billi jeżaminaw mill-ġdid il-proċeduri interni tagħhom kif ikun xieraq sabiex jiżguraw li jkun hemm konformità mal-Prinċipji (inklużi taħriġ, kapaċità ta’ parteċipazzjoni fl-opzjonijiet ta’ soluzzjoni ta’ tilwim, komunikazzjoni u l-istabbiliment ta’ persuna ta’ kuntatt għal soluzzjoni interna ta’ tilwim). Fil-mument tar-reġistrazzjoni, il-kumpaniji jikkonfermaw li wettqu din l-awtovalutazzjoni u li ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu konformi mal-Prinċipji u l-proċeduri għal implimentazzjoni u infurzar, inkluż il-qbil tagħhom li jidħlu għal kwalunkwe opzjoni ta’ soluzzjoni ta’ tilwim skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-qafas.

50. Ir-**reġistrazzjoni** (u r-riżenja) għandha ssir **minn persuna eżekuttiva** jew minn numru ta’ persuni eżekuttivi li jkollha/jkollhom is-setgħa li torbot/jorbtu l-kumpanija kollha fl-UE, inklużi s-sussidjarji kollha fl-UE, skont l-istruttura korporattiva ta’ kull kumpanija (jiġifieri iktar minn persuna eżekuttiva waħda tista’ tkun meħtieġa tiffirma r-reġistrazzjoni jekk ma jkunx hemm

persuna eżekuttiva waħda li jkollha dik is-setgħa jew tkun meħtieġa r-reġistrazzjoni ta' sussidjarji nazzjonali ta' kumpaniji). Kull kumpanija rreġistrata taħtar ukoll **persuna ta' kuntatt għall-proċess** għal kwalunkwe azzjoni ta' segwitu bħal monitoraġġ, eċċ. L-ismijiet u t-titoli ta' persuni eżekuttivi li jirreġistraw u ta' persuni ta' kuntatt għal soluzzjoni ta' tilwim huma ppubblikati fis-sit web.

51. Kumpaniji parteċipanti **jistabbilixxu u/jew jadattaw taħriġ** sabiex jiżguraw konformità mal-Prinċipji ta' prattika tajba. Minħabba li r-riżorsi tagħhom huma iżgħar, l-intrapriżi mikro u żgħar m'għandhomx għalfejn iwettqu taħriġ u l-intrapriżi ta' daqs medju jistgħu jirrikorru għal opzjonijiet ta' taħriġ iktar sempliċi.

52. Qabel ir-reġistrazzjoni, il-kumpaniji jippreparaw għall-**proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim** stabbilita hawn taħt u **jaħtru punt ta' kuntatt ta' soluzzjoni ta' tilwim**. Il-punt ta' kuntatt indikat għal soluzzjoni ta' tilwim għandu jkun indipendenti min-negozjar kummerċjali u jkun responsabbli għall-kwistjonijiet relatati mas-soluzzjoni ta' tilwim. Il-punt ta' kuntatt għal soluzzjoni ta' tilwim jista' jkun differenti mill-persuna ta' kuntatt għal proċess imsemmija hawn fuq.

53. Il-kumpaniji rreġistrati huma meħtieġa **jinfurmaw lill-imsieħba tan-negozju** dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-qafas. Il-kumpaniji huma liberi jagħżlu l-mezzi li bihom dan isir (eż. billi jissemmew f'kuntratti, f'avviż bil-miktub fi kmamar ta' laqgħat ta' negozjar). Il-kumpaniji rreġistrati jkunu mħeġġa joffru informazzjoni pubblika dwar il-parteċipazzjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji (eż. fis-sit web tal-kumpanija, pubblikazzjonijiet, eċċ.).

## 4.2 Indirizzar tat-tilwim u s-sejbien ta' soluzzjonijiet għal ksur allegat tal-Prinċipji

54. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw meta jkun hemm tilwima dwar ksur allegat tal-prinċipji ta' prattika tajba.

### *4.2.1 Tilwim individwali*

55. Il-kumpaniji għandhom l-opzjonijiet li ġejjin sabiex isolvu t-tilwim tagħhom:

a. **proċedura kummerċjali**: il-persuna li tilmenta tista' tiddeċiedi li tieħu l-kwistjoni f'livell ogħla fil-ġerarkija kummerċjali tal-kumpanija li allegatament tkun wettqet il-ksur;

b. **opzjonijiet kuntrattwali**: il-persuna li tilmenta tista' tuża kwalunkwe mekkaniżmu ta' soluzzjoni ta' tilwim previst fil-kuntratt;

c. **soluzzjoni interna ta' tilwim**: il-persuna li tilmenta tista' tmur għand il-korp intern ta' soluzzjoni ta' tilwim tal-kumpanija li allegatament tkun wettqet il-ksur. Bl-eċċezzjoni ta' kumpaniji żgħar, il-kumpaniji rreġistrati għandu jkollhom fis-seħħ proċedura interna ta' soluzzjoni ta' tilwim. Din il-proċedura interna ta' soluzzjoni ta' tilwim għandha tkun indipendenti[4] min-negozjar kummerċjali u tkun imparzjali u rapida. Din għandha tkun elaborata b'mod li tassigura li l-persuna li tilmenta ma tkunx suġġetta għal ritaljazzjoni kummerċjali;

d. **medjazzjoni jew arbitraġġ**: il-partijiet jistgħu jagħżlu li jmorru għand parti terza indipendenti sabiex isolvu t-tilwima tagħhom permezz ta' soluzzjoni mhux vinkolanti (medjazzjoni) jew ta' deċiżjoni vinkolanti (arbitraġġ). Dawn l-opzjonijiet jeħtieġu l-qbil taż-żewġ partijiet. Il-qsim tal-ispejjeż għal din l-opzjoni jkun iddeterminat mil-liġi applikabbli. Il-proċess ta' arbitraġġ għandu jagħti garanziji effikaċi ta' difiża. L-oneru tal-provi ġġorru l-persuna li tilmenta;

e. **metodi ġudizzjarji**: il-persuna li tilmenta tista' tagħżel li tuża l-metodi ġudizzjarji ordinarji skont regoli u regolamenti nazzjonali.

56. Ir-ritaljazzjoni kummerċjali kontra kwalunkwe kumpanija għall-użu ta' dawn il-mekkaniżmi hija ksur serju tal-Prinċipji ta' Prattika Tajba.

57. L-għażla ta' mekkaniżmu ta' soluzzjoni ta' tilwim hija tal-kumpanija li tilmenta sakemm dan ma jmurx kontra l-liġi nazzjonali. Din tal-aħħar tista' tagħżel l-iktar opzjoni li tixraq skont il-ħtiġijiet tagħha sakemm din l-għażla tkun proporzjonata, b'kunsiderazzjoni tal-kostefficjenza u l-effettività b'rabta man-natura tat-tilwima. Dan ifisser li kumpaniji jkunu mistennija li l-ewwel jużaw l-opzjonijiet li jkunu l-inqas kuntenzjużi u irħas.

58. Billi jirreġistraw, il-kumpaniji jaċċettaw li jsolvu t-tilwim tagħhom relatat mal-applikazzjoni tal-Prinċipji permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn l-opzjonijiet. Għalhekk, qabel jirreġistraw, il-kumpaniji huma meħtieġa jiżguraw li jkunu ppreparati sabiex jużaw kwalunkwe waħda minn dawn l-opzjonijiet. Huwa mistenni li, bl-eċċezzjoni ta' tilwim solvut permezz ta' medjazzjoni, arbitraġġ u metodi ġudizzjarji tradizzjonali, il-biċċa l-kbira tat-tilwim trattat permezz ta' dawn l-opzjonijiet jista' jiġi solvut f'perjodu ta' erba' xhur.

59. Ir-rimedji, sanzjonijiet, u/jew penali, inkluż il-kumpens finanzjarju għal kull ħsara attwali u ppruvata, għal nuqqas ta' konformità mal-Prinċipji ta' Prattika Tajba, inkluża ritaljazzjoni kummerċjali, huma ddeterminati mill-opzjonijiet ta' soluzzjoni ta' tilwim użati. Dawn ikunu

[4] Mar-reġistrazzjoni, kumpanija tkun tista' tiġġustifika li minħabba d-daqs żgħir tagħha hija ma tkunx tista' tiżgura indipendenza bħal din.

eżegwibbli skont il-liġi applikabbli.

60. Il-Pjattaformi Nazzjonali kif imsemmija fil-§ 3.4 huma mħeġġa sabiex jgħinu lill-kumpaniji jidentifikaw medjaturi u arbitri xierqa.

### *4.2.2 Tilwim aggregat*

61. Grupp ta' kumpaniji jew assoċjazzjoni li taġixxi f'isimhom jista' jissottometti ilment aggregat lill-President. Meta jagħmel dan, ser:

- jiġbor l-informazzjoni rilevanti b'mod legalment konformi sabiex jivverifika li l-ilment għandu sustanza u mertu, u;
- jiggarantixxi, tul il-proċedura, l-anonimità tal-partijiet kollha kkonċernati, kif ukoll il-kunfidenzjalità tal-proċess u ta' kwalunkwe informazzjoni sensittiva.

62. Gruppi ta' kumpaniji jew assoċjazzjonijiet li jaġixxu f'isimhom involuti fil-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' ilment aggregat huma mistennija li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli kollha, b'mod partikolari mar-regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva u l-koordinazzjoni tal-imġiba fis-suq.

63. Il-President jiggarantixxi, tul il-proċedura, l-anonimità tal-partijiet kollha kkonċernati, kif ukoll il-kunfidenzjalità tal-proċess u ta' kwalunkwe informazzjoni sensittiva. Meta jivvaluta jekk l-ilment huwiex riċevibbli, il-President għandu, b'mod legalment konformi:

- jevalwa jekk għandux impatt transfruntier jew jekk m'hemmx pjattaforma nazzjonali disponibbli li t-tilwima tistax tiġi rreferuta għandha;
- jivverifika li l-ilment għandu sustanza u mertu.

64. Jekk ma jkun hemm l-ebda Pjattaforma Nazzjonali jew skema xierqa simili stabbilita fil-livell nazzjonali, il-President għandu, bħala l-ewwel pass, jevalwa jekk hemmx mezz xieraq sabiex l-kwistjoni tiġi ttrattata nazzjonalment.
Jekk dan ma jkunx possibbli f'perjodu ta' żmien raġonevoli, il-President għandu jevalwa jekk l-ilment huwiex riċevibbli.

65. Jekk l-ilment ikun riċevibbli, il-President għandu jism' lill-partijiet involuti u, jekk ikun ġustifikat, jeħtieġ li l-parti li allegatament twettaq il-ksur tikkonforma jew tipprovdi spjegazzjoni. Jekk meħtieġ, u bil-qbil tal-partijiet konċernati, il-President jista' jirreferihom għal medjatur jew arbitru estern.

66. Jekk il-każ ikun ta' interess ġenerali, il-President għandu jaħdem mal-Grupp ta' Governanza sabiex joħroġ gwida u rakkomandazzjonijiet ta' interess ġenerali li jippromwovu prattika tajba. Il-gwida għandha tiġi kkomunikata lill-kumpaniji rreġistrati kollha permezz tas-sit web pubbliku u inkluż fir-rapport annwali.

## 4.3 Indirizzar tat-tilwim u s-sejbien ta' soluzzjonijiet għal ksur allegat tal-impenji tal-proċess

67. Kumpanija rreġistrata għandha tikkonforma ma' serje ta' impenji msejħa "impenji tal-proċess", jiġifieri tiżgura li:

- tikkonforma mal-Prinċipji ta' Prattika Tajba;
- wettqet awto-valutazzjoni;
- stabbiliet jew adattat taħriġ ta' persuni eżekuttivi għoljin u persunal rilevanti sabiex tiżgura konformità mal-Prinċipji ta' Prattika Tajba;
- ippreparat sabiex tieħu sehem fl-opzjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim ipprovduti taħt l-SCI;
- tikkomunika r-reġistrazzjoni tagħha lill-imsieħba fin-negozju;
- ħatret persuni ta' kuntatt għal soluzzjoni interna ta' tilwim u għal kwistjonijiet relatati mal-proċess; dawn jistgħu jkunu l-istess persuni jew persuni differenti;
- m'għandhiex tieħu azzjoni ta' ritaljazzjoni;
- fil-kuntest ta' ilment aggregat, għandha twieġeb għal talba mill-President sabiex tikkonforma jew tipprovdi spjegazzjoni;
- għandha tirrispetta u ssegwi kwalunkwe deċiżjoni tal-President dwar ilment li tkun involuta fiha.

68. Jekk kumpanija tiltaqa' ma' anomalija (eż. il-persuna ta' kuntatt għal soluzzjoni interna ta' tilwim, li isimha jissemma fis-sit web, tkun telqet il-kumpanija u ma tkunx inbidlet), hija tista':

a) tqajjem il-kwistjoni mal-kumpanija kkonċernata;

b) tinforma lill-President tal-SCI direttament, li ser jiżgura anonimità u kunfidenzjalità.

69. Malli jirċievi lment jew jekk isir jaf bil-ksur allegat ta' impenn ta' proċess, il-President għandu jevalwa l-ksur allegat b'mod proporzjonat u gradwali:

a) għal **ksur żgħir**, il-President jitlob lill-kumpanija sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni. Ma hija prevista l-ebda pubblikazzjoni tal-isem tal-kumpanija;

b) għal **ksur serju**:

- **sospensjoni**: jekk jiġi kkonfermat ksur, il-President jitlob lill-kumpanija tirrimedja s-sitwazzjoni. Jekk wara 30 jum kalendarju, ma tiġi kkomunikata l-ebda azzjoni, il-

President jista' joħroġ ittra ta' twissija. Jekk, wara 30 jum kalendarju ieħor il-kumpanija tkompli tikser l-impenji proċesswali tagħha, tista' tiġi sospiża temporanjament sakemm issir rettifika tal-ksur. Din is-sospensjoni tfisser li l-kumpanija ma tistax tibbenefika mill-SCI iżda tibqa' marbuta bl-obbligi tagħha. Ser tingħata informazzjoni dwar is-sospensjoni fuq is-sit web;

- **esklużjoni**: għal ksur persistenti, intenzjonali u mhux spjegat, wara li l-ewwel isegwi l-proċedura gradwali msemmija hawn fuq, il-President jista' finalment jiddeċiedi li jeskludi l-kumpanija mill-SCI. Din id-deċiżjoni ser tkun ippubblikata fuq is-sit web u fir-rapport annwali. It-tul ta' żmien tal-esklużjoni ser ikun mill-inqas sitt xhur u għaż-żmien li jkollu bżonn il-President sabiex jakkwista garanziji suffiċjenti li t-tħassib ser jiġi rrimedjat b'mod sostenibbli. Il-parti eskluża ser ikollha terġa' tapplika jekk tkun tixtieq terġa' tingħaqad mal-SCI. Il-Grupp ta' Governanza jista' jaqbel li jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni, sakemm tiġi ppreżentata evidenza ġdida jew argumenti ġodda.

70. Il-President jiffoka fuq l-iżgurar li l-imġiba mhux konformi tiġi korretta kemm jista' jkun malajr. Huwa jiżgura li kwalunkwe sanzjoni tkun kemm proporzjonata man-natura tal-ksur kif ukoll effettiva. Il-partijiet ikkonċernati jingħataw l-opportunità fi kwalunkwe ħin sabiex jipprovdu spjegazzjoni.

## 4.4 Żvilupp ta' gwida u rakkomandazzjonijiet ta' interess ġenerali

71. Fi kwalunkwe ħin, inkluż wara t-trattament ta' ilment aggregat, il-President u/jew il-Membri tal-Grupp ta' Governanza jistgħu jqajmu kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni u/jew l-interpretazzjoni tal-Prinċipji. Tali talba għandha tkun ibbażata fuq evidenza konkreta u li tista' tintwera li tiġġustifika l-ħtieġa ta' gwida jew rakkomandazzjonijiet ta' interess ġenerali.

72. Il-President jistabbilixxi l-ħtieġa għal tali gwida u, sabiex ipoġġi l-piż sħiħ tas-setturi warajha, jiddiskutiha mal-Grupp ta' Governanza u jfittex l-approvazzjoni tiegħu. L-ismijiet tal-kumpaniji involuti jibqgħu kunfidenzjali u anonimi matul il-proċess kollu.

73. In-nuqqas ta' rispett tal-obbligi ta' kunfidenzjalità ser jitqies bħala ksur tal-impenji tal-proċess u għalhekk jista' jkun suġġett għal sanzjonijiet skont il-proċedura stabbilita f'§ 4.3.

74. Kwalunkwe gwida jew rakkomandazzjoni ta' interess ġenerali hija ppubblikata fuq is-sit web u kkomunikata lil dawk kollha kkonċernati. Il-kumpaniji ser ikunu mistennija jqisu din fl-applikazzjoni tal-Prinċipji. Tali gwida jew rakkomandazzjonijiet għandu jkollhom effett biss għall-futur mingħajr ebda effett retroattiv u mingħajr ebda effett fuq kwalunkwe tilwima kontinwa.

## 4.5 Verifika tal-konformità, evalwazzjoni tas-suċċess u żvilupp tal-SCI

75. Il-Grupp ta' Governanza huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-iżvilupp tal-SCI. Dan il-monitoraġġ jikkonsisti fi stħarriġ indipendenti annwali ta' kumpaniji rreġistrati, li r-riżultati tagħhom huma ppubblikati f'rapport annwali.

### *4.5.1 L-Istħarriġ Annwali*

76. Il-kumpaniji rreġistrati kollha, minbarra kumpaniji mikro u żgħar[5], għandhom jipparteċipaw fl-istħarriġ annwali. Kull kumpanija li r-reġistrazzjoni tagħha tkun tkopri iktar minn pajjiż wieħed għandha tiżgura li s-sussidjarji nazzjonali kollha koperti mir-reġistrazzjoni tagħha jlestu l-istħarriġ f'livell nazzjonali f'kull Stat Membru tal-UE li tkun preżenti fih.

77. L-istħarriġ iservi bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-konformità fir-rigward tal-Prinċipji u l-impenn tal-proċess. Dan jirrapporta dwar l-elementi li ġejjin:
   - il-pajjiż, id-daqs tal-kumpanija u l-parti tal-katina tal-provvista tal-ikel;
   - in-numru ta' ilmenti ppreżentati u riċevuti skont is-settur;
   - il-prinċipji li allegatament ġew miksura;
   - in-numru ta' lmenti solvuti permezz ta' kull opzjoni ta' soluzzjoni ta' tilwim;
   - sodisfazzjon bil-qafas, inkluża riassigurazzjoni kontra l-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali, u suġġerimenti għal titjib.

78. Sabiex jiġu ggarantiti l-anonimità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, l-istħarriġ ma jkoprix is-sustanza ta' kwalunkwe tilwima ttrattata skont dan il-qafas.

79. Il-Grupp ta' Governanza jaħtar parti terza marbuta b'regoli stretti ta' kunfidenzjalità sabiex twettaq l-istħarriġ indipendenti. Ir-riżultati huma aggregati u ppubblikati b'mod li jirrispetta l-anonimità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.

### *4.5.2 Ir-Rapport Annwali*

80. Il-Grupp ta' Governanza jipproduċi rapport annwali li jkopri:
   - ir-riżultati tal-istħarriġ;
   - rapport ta' attivitajiet tal-President u tal-Grupp ta' Governanza.

81. L-Organizzazzjonijiet Firmatarji ser ixerrdu r-Rapport Annwali b'mod attiv.

---
[5] Ara § 4.6 dwar proċeduri iktar sempliċi għall-SMEs

### 4.6 Proċeduri iktar sempliċi għall-SMEs

82. Proċeduri iktar sempliċi huma żviluppati sabiex jgħinu lill-SMEs jirreġistraw u jibbenefikaw mill-SCI:
    - **il-kumpaniji mikro u żgħar** huma meħtieġa li jirreġistraw biss sabiex juru impenn lejn l-SCI u l-Prinċipji. Huma mistednin jipparteċipaw fl-Istħarriġ Annwali, iżda mhumiex obbligati jagħmlu dan;
    - **il-kumpaniji medji** huma meħtieġa li jirreġistraw sabiex juru impenn lejn l-SCI u jibbenefikaw minn għodda bażika ta' awtovalutazzjoni, obbligi ta' taħriġ bażiku u rata speċjali għall-għodda tat-taħriġ onlajn. L-ebda persuna ta' kuntatt indipendenti ma hija meħtieġa meta n-nuqqas ta' riżorsi jiġġustifikaw dan, iżda huma obbligati li jipparteċipaw fl-istħarriġ annwali.

### 4.7 Komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni

83. L-Organizzazzjonijiet Firmatarji jimpenjaw ruħhom li jippromwovu parteċipazzjoni wiesgħa mill-membri tagħhom. B'mod partikolari, huma jinkoraġġixxu:
    - lill-kumpaniji jirreġistraw sabiex jibbenefikaw bis-sħiħ mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-qafas;
    - lill-federazzjonijiet nazzjonali, pjattaformi nazzjonali u awtoritajiet pubbliċi jiżviluppaw, jappoġġjaw u jimplimentaw għodod ta' sensibilizzazzjoni, inkluż taħriġ fuq il-bażi tal-għodod komuni żviluppati fil-livell tal-UE.

# Kapitolu 5 - Relazzjonijiet ma' regoli u regolamenti nazzjonali eżistenti, skemi volontarji oħrajn u implikazzjonijiet transkonfinali

### 5.1 Relazzjonijiet ma' regoli u regolamenti nazzjonali

84. Ir-regoli u r-regolamenti nazzjonali jieħdu preċedenza fuq ir-Regoli dwar il-Governanza u l-Operazzjoni tal-SCI u l-Prinċipji ta' Prattika Tajba u eżempji. L-SCI hija maħsuba sabiex toffri suppliment għal regolamenti u soluzzjonijiet eżistenti fejn ma jkunu jeżistu ebda mekkaniżmi oħrajn.

## 5.2 Relazzjonijiet ma' skemi volontarji oħrajn u rikonoxximent reċiproku

85. B'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tar-rikonoxximent reċiproku, skemi volontarji jistgħu jitolbu lill-Grupp ta' Governanza jirrikonoxxi l-iskema tagħhom bħala konformi ma' dan il-qafas. Il-kumpaniji li jkunu konformi ma' tali skema, kemm jekk nazzjonali jew internazzjonali, imbagħad jitqiesu konformi mar-Regoli tal-SCI dwar il-Governanza u l-Operazzjonijiet ukoll. Dawn xorta għandhom jirreġistraw formalment mal-SCI u jikkonformaw mar-regoli għall-kumpaniji rreġistrati fil-qafas tal-SCI.

86. F'każijiet fejn it-trattament ta' ilment aggregat f'livell nazzjonali jwassal lill-Pjattaforma Nazzjonali, kif imsemmi fil-§ 3.4, sabiex tinterpreta Prinċipju wieħed jew iktar u tadotta gwida skont dan, l-opinjoni ta' gwida tagħha għandha tiġi kkomunikata bl-Ingliż fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol lill-President, li se jxerridha u jiddiskutiha mal-Grupp ta' Governanza. Il-President u l-Grupp ta' Governanza ser jivverifikaw li dan ma jikkontradixxix il-Prinċipji u l-gwida tal-SCI, u (fejn ikun fattibbli) iqisu l-gwida nazzjonali rilevanti li tinġieb għall-attenzjoni tagħhom, bil-għan li tinkiseb konsistenza. Dan il-proċess għandu jitlesta fi żmien erba' ġimgħat jekk ikun possibbli. Jekk tinqala' kontradizzjoni, il-President ser jagħmel l-aqwa sforzi sabiex jiżgura interpretazzjoni koerenti tal-Prinċipji f'konsultazzjoni mal-Pjattaforma Nazzjonali kkonċernata, jekk ikun meħtieġ billi joħroġ il-gwida tiegħu stess.

87. Ir-Regoli ta' Proċedura applikabbli għall-governanza tal-Pjattaformi Nazzjonali għandhom jikkonformaw fejn possibbli għal dawn ir-regoli ta' governanza u operazzjoni. Madankollu, huma jistgħu jiddevjaw sabiex tiġi żgurata koerenza mal-liġijiet nazzjonali u d-drawwiet ta' awtoregolamentazzjoni.

## 5.3 Aspetti transfruntiera

88. F'każ ta' tilwima transfruntiera, l-aspetti ġurisdizzjonali (eż. post, regoli proċedurali, eċċ.) meħtieġa għas-soluzzjoni tat-tilwima ser ikunu ddeterminati mil-liġijiet applikabbli għar-relazzjoni kummerċjali sottostanti.

# Kapitolu 6 - Relazzjonijiet mal-Istituzzjonijiet tal-UE

89. L-SCI u l-Prinċipji ta' Prattika Tajba ġew żviluppati fil-kuntest tal-Forum ta' Livell Għoli dwar it-Titjib tal-Funzjonament tal-Katina tal-Provvista tal-Ikel immexxi mill-Kummissjoni Ewropea. Il-President ser jirrapporta dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet tal-ħidma tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jiżgura kontabbiltà u trasparenza.

90. Il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Grupp ta' Governanza dwar l-operat tas-sistema. Il-Kummissjoni ma jkollha l-ebda rwol fl-arbitraġġ ta' tilwim individwali jew aggregat.

# Kapitolu 7 - Finanzjament u Baġit

91. L-SCI hija ffinanzjata mill-Organizzazzjonijiet Firmatarji, li jikkontribwixxu fuq il-bażi ta' kontribuzzjoni miftiehma b'mod komuni, u minn sorsi possibbli oħrajn ta' dħul. Il-Grupp ta' Governanza japprova l-baġit fuq bażi annwali, is-sena finanzjarja tibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

92. Għandu jiġi pprovdut abbozz tal-baġit għas-sena ta' wara lill-membri tal-Grupp ta' Governanza għal eżami mill-ġdid mill-inqas xahrejn (eż. fl-1 ta' Novembru) qabel il-bidu tas-sena finanzjarja li jkopri.

# Kapitolu 8 - Emendi għall-Prinċipji ta' Prattika Tajba u għar-Regoli tal-SCI dwar il-Governanza u l-Operazzjonijiet; għeluq tal-SCI

93. Fejn xieraq, il-Grupp ta' Governanza għandu jwettaq evalwazzjoni tar-Regoli tal-SCI dwar il-Governanza u l-Operazzjonijiet, inkluża r-relazzjoni mar-regoli u r-regolamenti nazzjonali. Dan għandu jivvaluta l-prestazzjoni kontra l-kriterji stabbiliti għall-bidu tagħhom, jiġifieri l-effiċjenza, il-kosteffettività, kontroll effettiv u trasparenza.

94. Jekk ikun meħtieġ, u fuq il-bażi ta' valutazzjoni xierqa tal-prestazzjoni u l-konsultazzjoni tal-Pjattaformi Nazzjonali, l-Organizzazzjonijiet Firmatarji jistgħu jiddeċiedu dwar aġġustamenti għar-Regoli ta' Governanza u Operazzjonijiet u/jew il-Prinċipji ta' Prattika Tajba jew dwar l-għeluq tal-SCI. Huma għandhom jinfurmaw lill-kumpaniji rreġistrati dwar bidliet sinifikanti u jagħtuhom il-possibbiltà li jerġgħu jikkunsidraw ir-reġistrazzjoni tagħhom.

# Kapitolu 9 - Linja Gwida dwar l-antitrust

95. Il-membri tal-Grupp ta' Governanza, Osservaturi u parteċipanti fi kwalunkwe laqgħa tal-SCI m'għandhom jidħlu f'ebda diskussjoni, attività jew kondotta li jistgħu jiksru, min-naħa tagħhom jew min-naħa tal-membri u l-parteċipanti tagħhom, kwalunkwe liġijiet tal-kompetizzjoni applikabbli. Dan ma japplikax biss għad-diskussjonijiet f'laqgħat formali iżda wkoll għal diskussjonijiet informali qabel, matul jew wara l-laqgħat. Kull min ikun preżenti ser jiġi mgħarraf dwar dan l-obbligu fil-bidu ta' kull laqgħa.

96. Il-minuti jittieħdu fil-laqgħat kollha (mis-Segretarjat), sabiex ikun hemm evidenza li r-restrizzjonijiet kollha taħt il-liġi tal-kompetizzjoni huma osservati kif xieraq.